

Il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2006

## TESTI ADOTTATI

**P6\_TA(2006)0504**

### **L-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili (COM(2006)0645 — C6-0362/2006 — 2006/0209(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0645) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat tal-KE, u li dwarhom il-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C6-0362/2006),
- wara li kkunsidra r-Regoli 51 u 43(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu(A6-0401/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk bi ħsiebha temenda l-proposta sostanzjalment jew tibdilha b'test ieħor;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6\_TC1-COD(2006)0209**

**Posizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Novembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru.../2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

wara li ikkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Kommunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

wara li ikkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

<sup>(1)</sup> Opinjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Novembru 2006.